MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Numru. 38/2006

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Paul Camilleri u Spettur Antonello Grech)**

**vs**
**Martin Joseph Xuereb ta' 33 sena bin Anthony u Carmen nee' Vella imwieled l-Awstralja fit-12 ta' Frar 1973 u joqghod "Silver Fox", Triq is-Sajjieda Fontana, Ghawdex detentur tal-karta ta' l-identita' numru 509090(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Martin Joseph Xuereb li gie akkuzat:
1. talli fl-14 ta' Jannar 2006 u fil-gimghat ta' qabel f'Ghajnsielem, Ghawdex ikkometta serq ta' flus kontanti u oggetti tad-deheb li l-ammont taghhom huwa ta' iktar

Lm1000 mill-fond Bellavista, Flat 1, Triq il-Qighan, Ghajnsielem, Ghawdex, ghad-dannu ta’ John u Stephanie Debono minn Ghajnsielem, Ghawdex, liema serq huwa aggravate bl-ammont, bil-persuna u bil-lok u dana bi ksur ta’ l-artikoli 261(c)(d)(e), 267, 268(b) u 269(g) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

2. u aktar talli b’hekk sar jitqies recidiv b’sentenzi li saru definittivi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-29 ta’ Marzu 2009 (Magistrat Dr.J. Apap Bologna LL.D.) fis-26 ta’ Novembru 1999 (Magistrat Dr.J. Padovani Grima LL.D.) u fit-30 ta’ Mejju 2000 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex).

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat in-nota ta’ rinvinju tal-Avukat Generali tas-7 ta’ Mejju 2007.

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni illi dana l-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja.

Ikkunsidrat:

Illi l-provi li ghandha quddiemha l-Qorti li jistghu jitfghu dawl fuq il-htija o meno tal-imputat, huma x-xhieda ta’ Stephanie Debono u l-istqarrija tal-imputat. Dana minhabba l-fatt illi fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza gie allegat illi s-serqa li sehhet mir-residenza tal-konjugi Debono saret fil-hin illi l-imputat kien mistieden gewwa dina r-residenza minn Stephanie Debono stess. Fil-fatt l-istess Stephanie Debono tixhed u tghid illi l-imputat kien persuna illi mieghu hija kellha hbiberija u ghalhekk kienet ippermettietlu jidhol fir-residenza taghha fil-hin illi ma kien ikun hemm hadd iktar fid-dar. Gara illi l-imputat kellu bzonn xi flus u ghalhekk Debono kienet tatu xi deheb u sellfitu anke xi flus. Debono tghid illi f’okkazzjoni partikolari u cioe’ il-gurnata tat-22 ta’ Dicembru 2005, l-imputat kien jinsab ghandha d-dar meta wasal missierha sabiex igibilha l-ikel. Peress illi ma riditx lil missierha isir

jaf illi l-imputat kien ghandha d-dar, hija haditu f'kamra tas-sodda sabiex jistahba hemmhekk. F'dina il-kamra hija kellha d-deheb, li hija l-lista tad-deheb li Debono ghaddiet lil pulizija meta ghamlet r-rapport (ara Dokument MX4 a fol. 52, 53 u 54 tal-process), kif ukoll zewg karusi b'xi flus li kienu gew imfaddla ghat-tfal taghha fl-ammont ta' Lm190. Kif missierha telaq mid-dar l-imputat telaq ukoll. Debono tkompli tghid illi ftit wara dina l-okkazzjoni hija ndunat illi id-deheb u l-flus tal-karus kienu neqsin, izda bezghet tgharraf lil zewgha b'dana. Gara madanakollu illi sussegwentement ir-ragel taghha nduna li kien hemm xi deheb nieqes u ghalhekk hija kellha tgharrfu b'kollox. Kemm Stephanie Debono kif ukoll John Debono isostnu illi sussegwentement kienu kellmu lill-imputat sabiex iroddilhom il-flus u d-deheb, u ghalkemm huwa accetta li jaghmel dana, pero' baqa' fil-fatt ma tahom xejn lura.

Illi mill-istqarrija tal-imputat esebita a fol. 23 u 24 tal-process, Dokument MX1, liema stqarrija l-imputat ghazel li jiffirma, huwa jammetti illi fil-fatt kien seraq id-deheb mill-kamra tas-sodda tar-residenza tal-konjugi Debono. Meta mistoqsi meta ha d-deheb u minn fejn, huwa jwiegeb: "Minn gol-kamra tas-sodda. Hi kienet ghadha kemm fethet il-kexxun u tatni d-deheb li semmejt iktar 'il fuq (l-imputat kien semma xi gizirajjen u cappetta). Imbaghad malli dawwret wiccha hadt il-kumplament tad-deheb li kien hemm." L-imputat izda jichad illi l-flus tal-karus seraqhom hu, izda jsostni illi dawn il-flus kienet selfithomlu Debono u tathomlu fejn il-garage tieghu u qaltlu illi l-flus kienet gabithom mill-karus tat-tfal. Madankollu l-Qorti ma tistax temmen dina l-affermazzjoni fl-ewwel lok minhabba l-fatt illi Stephanie Debono ssostni illi dawn il-flus tathomlu mic-children's allowance u mhux mill-karus, u fit-tieni lok mill-istess stqarrija jirrizulta illi l-imputat kien jaf perfettament fejn kienu dawn iz-zewg karusi tat-tfal meta ighid: "Fuq il-gradenza, kien hemm tnejn u kienu fejn il-kexxun fejn kellha d-deheb."

Fl-ahharnett kemm mix-xhieda tas-Supretendent Antonello Grech (fol.49), kif ukoll mix-xhieda ta' John Debono (fol.57), jidher illi l-imputat kien ammetta maghhom illi huwa kien seraq dawn il-flus u d-deheb.

Oltre dana John Debono jistqarr illi f’dana il-perijodu taz-zmien, huwa qatt ma kien innota xi sgass fir-residenza taghhom u qatt ma kienu vittmi ta’ xi serq. Nies ohra barranin fid-dar apparti l-imputat, ma jidhirx illi ddahhlu mill-konjugi Debono b’mod specjali fil-kamra tas-sodda fejn kienu jinstabu dawn il-flus u d-deheb in kwistjoni.

Illi l-Qorti tqis illi ma hemmx dubbju ghalhekk illi kien proprju l-imputat illi seraq il-flus illi kien hemm fil-karus u d-deheb li kien jinstab fil-kamra tas-sodda fir-residenza tal-konjugi Debono. Illi anke l-aggravji addebitati ghall-akkuza tas-serq jirrizultaw ippruvati u dana anke kif indikat mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju tieghu peress illi l-valur tal-oggetti misruqa jeccedu l-Lm100, insterqu minn dar tal-abitazzjoni fil-hin meta l-imputat gie mistieden gewwa l-istess dar minn Stephanie Debono.

Illi anke l-akkuza tar-recidiva giet ampjament ippruvata u dana permezz ta’ diversi sentenzi esebiti fl-atti bhala Dokumenti JM1, JM2 u JM3. Madanakollu jirrizulta illi t-tlett sentenzi inghataw ’il fuq minn hames snin ilu minn meta giet intavolata l-kawza u ghalhekk il-Qorti ma hijiex ser tapplika l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 fil-konfront tal-imputat, ghalkemm hemm l-applikazjoni tal-artikolu 289 peress illi s-sentenzi esebiti ai fini tal-akkuza dwar ir-recidiva jirrigwardaw ir-reat tas-serq.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, l-Qorti ma tistax tinjora l-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta illi dina certament ma hijiex l-ewwel darba illi l-imputat instab hati li kkometta r-reat ta’ serq u jidher illi ghalkemm inghata diversi opportunitajiet minn dina l-Qorti sabiex jirriforma ruhu, l-imputat xorta wahda baqa’ fl-istess triq tad-delinkwenza u ghahekk piena karcerarja hija idoneja ghal dana il-kaz. Illi l-Qorti ghar-rigward ta’ piena sejra tapplika dik stabbilita fl-artikolu 279(a) u dana peress illi ma giex ippruvat jekk l-ammont tad-deheb misruq flimkien mal-flus jeccedux l-Lm1000 jew €2330. L-unika prova li tezisti ghar-rigward tal-valur hija l-lista li tinsab fl-okkorenza a fol. 54 minn fejn ma jirrizultax jekk l-

ammont tad-deheb jeccedix Lm1000 jew l-ammont ta’ €2330.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c)(d)(e), 267, 268, 269(g), 279(a), 280, 49 u 289 tal-Kodici Kriminali issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta’ seba xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------